MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2014

Numru. 157/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Malcolm Zarb**

Kaz Numru: 157/2014

Illum 27 ta' Mejju 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Malcolm Zarb**, bin Joseph William u Margaret neé Falzon, imwieled fis-16 ta' Dicembru 1970, residenti fil-fond numru 11, Triq San Vincenz,

Sliema, Malta, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 12471(M), akkuzat talli:

1. bhala persuna registrata mad-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skont l-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII tal-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha tal-istess Att, fis-26 ta' Lulju 2013 gewwa id-Dwejra, Ghawdex, jew hu jew impjegat tieghu u/jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi f'ismu, espona ghall-bejgh ta' oggetti waqt li kien sprovvist minn *cash register* fiskali u/jew kotba tar-ricevuti fiskali kif mahruga jew approvati mid-Direttur Generali tat-Taxxa fuq Valur Mizjud, u dan bi ksur tal-Partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax-il Skeda tal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII tal-1998) u l-Artikoli 51 u 77(o), 81 u 82 tal-istess Att.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi prodotti u mismugha jirrizulta li l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u ghaldaqstant l-imputat ser jigi misjub hati taghha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 51, 77(o) u 82 u l-Partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax il-Skeda tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Malcolm Zarb hati ta' l-

imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-hlas ta’ multa ta’ disa’ mitt Euro (€ 900.00).

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------